MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2011

Numru 32/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Carmel Vella**

**Il-Qorti**:

Rat ir-rikors ta' Carmel Vella tal-20 ta' Lulju 2011 li bih talab li din il-Qorti

1) Fit-terminu tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta tirreferi l-kwistjoni mqanqla permezz tal-prezenti rikors, fis-

sens illi fil-kawza tieghu fl-ismijiet hawn fuq premessi gie lez id-dritt tieghu ghall-smiegh xeraq u dan ghar-ragunijiet suesposti u cioe’ illi huwa ma inghatax il-fakulta’ ta’ assistenza legali fl-istadju tal-interogazzjoni tieghu meta huwa kien indizzjat lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex tippronunzja ruhha dwar l-istess kwistjoni;

2) Pendenti t-trattazzjoni tal-kwistjoni hawn fuq solleveta kif ukoll tat-trattazzjoni tal-appell tieghu mis-sentenza u l-verdett tal-Qorti Kriminali suriferita takkordalu l-helsien mill-arrest taht dawk il-kundizzjonijiet kolha opportuni fic-cirkostanzai;

3) Taghti kull provvediment iehor opportuni u necessarju fic-cirkostanzi.

U dan taht il-provveidment kollha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tat-22 ta’ Lulju 2011.

Dan il-provvediment huwa limitat ghat-talba tar-rikorrent sabiex jigi akkordat lilu l-helsien mill-arrest taht il-kondizzjonijiet opportuni.

Ikkunsidrat illi r-rikorrent gie misjub hati bi 8 voti kontra 1 tad-delitt ta’ assocjazzjoni ma xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jikkommetti omicidju volontarju f’Malta;

Ikkunsidrat illi l-ewwel Qorti sabet li d-delitt imsemmi gie kommess fil-periodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali b’sentenza tat-28 ta’ Frar 2002;

Ikkunsidrat il-piena ta’ sitt snin prigunerija imposta mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tad-9 ta’ Frar 2010;

Ikkunsidrat illi f’dan l-istadju r-rikorrent huwa skont il-ligi persuna kkundannata li qed tiskonta l-piena imposta mill-ewwel Qorti ghad-delitt li tieghu instab hati, il-gravita’ tar-reat li tieghu ir-rikorrent instab hati, il-periklu li in vista tal-

piena msemmija r-rikorrent jahrab jew jinheba sabiex jevadi l-esekuzzjoni taghha u dan anki fid-dawl tal-precedenti tar-rikorrent li in vista taghhom ir-rikorrent ma jaghtix affidament li joqghod ghall-kundizzjonijiet li l-Qorti tista' timponi;

Tichad it-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------